MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 25**

**It-Tlieta, 04 ta' Novembru 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 07 ta' Novemru 2025 fis-6:00 ta filgħaxija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**25.1 Talba;**

25.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT25.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**25.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

25.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u ta' Joseph Mercieca l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 23 u 24 ġew ċirkulati u moqrija.

25.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonjijiet għall-minuti.

25.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

.

**25.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

25.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2025 għall-perjodi bejn it-08 ta' Ottubru u l-04 ta' Novembru 2025 li tammonta għal €18,257.05 ġiet approvata u iffirmata.

**25.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

25.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għal din il-laqgħa il-punti tiegħu huma kollha imniżżlin fuq l-aġenda u għalhekk ser jiġu mresqa skond l-ordni fl-aġenda ta din il-laqgħa.

**25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

25.6.2 Il-Kunsilliera preżenti ma kellhomx punti xi jresqu. .

**25.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

25.7.1 Is-Segretarju resqet rikjesta minn resident biex l-għeluq tat-toroq issiru aktar tard mal-ġurnata preferibbilment wara nofsinhar. Hi nfurmat lil membri dwar risposta li ngħatat lil dan ir-resident vis a vie dak li diħa kien diskuss u deċiż fil-laqgħat preċedenti.

25.7.2 Is-Segretarju ippreżentat l-istima tal-bandla dwar il-parti tal-bandla li tkissret aktar kmieni din is-sena. Hi nfurmat lil membri li ġiet infurmata li l-*bracket* ma jistax jinbidel waħdu imma l-4 *brackets* flimkien. Il-membri preżenti qablu li niproċedu bl-istima biex jinbidlu l-4 partijiet filwaqt li tiġi mtejjba is-sigurta.

25.7.3 Is-Segretarju ippreżentat l-*BOQ* ta bozza ġdida fi Triq San Martin u l-*BOQ* tal-bozza l-oħra wara l-*Fontana Cottage*. Wara li kien hemm diskussjoni fit-tul dwar dik ta' Triq San Martin u l-istorja dwarha ġie deċiż li ninfurmaw lir-resident li l-kunsill ma jsib ebda oġġezjoni li terġa ssir fejn kienet qabel ċioe fanal mal-faċċata tad-dar tiegħu. Filwaqt li fuq ir-rikjesta l-oħra ta wara l-*Fontana Cottage*, ġiet diskussa u il-kunsill iddeċieda li mhux f'pozizjoni finanzjarja li jonora din ir-rikjesta fil-prezent.

25.7.4 Is-Segretarju resqet ir-rikjesta mill-Perit Micallef għall *Clearance* min-naħħa tal-Kunsill dwar x-xogħol relatat mall-permess PA349/19. Il-membri qablu li tinħareġ il-*Clearance* mitluba.

25.7.5 Is-Segretarju resqet quddiem il-membri stima tal-gradilji li hemm fil-prezent fil-belvedere ta Triq ta; Mulejja. Din l-stima saret biex il-ħadid jiġi maqtugħ f'biċċiet iżgħar u biex jiġ galvanizati. Il-membri qablu li fil-prezent dan ix-xogħol jista jistenna u għalhekk issir aktar tard meta l-finanzi jippermettu.

25.7.6 Is-Segretarju staqsiet lil membri jekk jixtiqux li jipproċedu bil- passi li rrikmandaw li jsiru minn naħħa tal-pulizija rigward Triq Wied Siekel wara korrispondenza minn ċertu residenti. Hi nfurmat lill membri li għada ser issir il-laqgħa ta kull xahar mall-pulizija u dan il-punt ser ikun qed jiġi mressaq minnhom. Il-membri preżenti qablu li din is-sitwazzjoni tingħalaq kif inhi.

25.7.6 Is-Segretarju infurmat lill membri li qed ikollha talbiet biex il-*Pilates sessions* jibqaw issiru fit-2026. Wara rendikont tal-andament preżenti sar qbil li dawn jitkomplew u għalhekk ser issir laqgħa mal-*instructors* preżenti biex naraw kif nistaw niproċedu sabiex dan il-pjan jitħabbar qabel ma jibdew l-avvenimenti tal-festi tal-Milied.

25.7.7 Is-Segretarju infurmat li dwar is-sitwazzjoni tal-*Wifi4U* sibna koperazzjoni mill-kappillan u għada ser jiġu tal-*GO* biex jagħmlu x-xogħol neċessarju.

25.7.8 Is-Segretarju infurmat lill membri li fil-prezent qed taħdem ukoll fuq l-atrivita' ta Mejju 2026 u ppreżentat l-istima tal-grupp li se jkun qed jieħu sehem f'din l-attivita'. Hi xtaqet tkun taf jekk il-Kunsill jixtieqx 8 *piece* jew 10 *piece band.* Waqt li kienet qed tiġi diskussa din it-tema issemma li d-diferenza fil-prezz trid tiġi ikkunsidrata ukoll mad-differenza li jkun hemm minn naħħa tas-sound. Għalhekk ġie deċiż li nitolbu stima dwar is-*sound* u naraw x differenzi se jkun hemm, u wara li jkollna din l-informazzjoni nerġaw niddiskutu dan il-punt.

25.7.9 Is-Segretarju xtaqet ukoll li tressaq għal deċiżjoni tal-Kunsill l-ammont ta ġelat li bil-ħsieb li nordnaw għall-attivita ta' Mejju 2026. Hi spjegat li wara il-laqgħa mal-kumpanija wasalna biex nitolbu stima u għalhekk talbet li l-Kunsill jiddeċidi kemm jixtieq ammonti ta ġelat. Wara li ġew diskussi diversi aspetti ġie deċiż li nitolbu stima ta 500 ġelat.

25.7.10 Is-Segretarju resqet għall-attenzjoni tall-Kunsill korrispondenza mingħand il-Ministeru għal-Għawdex u l-Ippjanar intitolata "Pjan ta Ħidma 2025-2027" fejn id-Direttur Ġenerali qed tinforma li ser jitnieda pjan fejn il-Kunsilli Lokali bħala msieħba ewlenin ikunu jistaw iwasslu l-prijoritajiet tagħhom u wara proċess ta konsultazzjoni flimkien nippjanaw biex issir bidla li tibbenifika iċ-ċittadini. Għalhekk ġejna mitluba biex nipproponu lista ta'toroq jew zoni fil-lokalita' biex jiġu asfaltai fis-sentejn li ġejjin. Il-Kunsill tal-Fontana ġie allokta total ta' 1,000 metru kwadru. Wara diskussjoni ġie deċiż li innizlu Triq il-Kappillan Hili u Triq Mons. Mikiel F. Buttiġieġ f'dik l-ordni u nispeċifikaw li Triq Mons. Mikiel F. Buttiġieġ fil-prezent qed tinbena b'rata magħġla ħafna.

25.7.11 Is-Segretarju xtaqet tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il Online streaming u videos on demant. Hi ikkonfermat li fil-laqgħat preċedenti kienet infurmat lill membri li kellha konferma li sakem jitlesta iċ-Ċentru Ċiviku nistaw nipproċedu mingħajr live streaming. Hi ippreżentat email mingħand id-Dipartiment li l-liġi ma tippermettix eċċezzjonijiet u ġejna mitluba insibu modi alternativi biex naderixxu mal-liġi. Il-Kunsill qabel li naraw x'alternativi jeżistu u niddiskutuhom.

25.7.12 Is-Segretarju infurmat lill-membri dwar is-sistema tal-permessi. Din mill-bidu tas-sena ser tinbidel il-mod ta kif titħallas, sa issa il-Kunsill ma kienx iħallas għas-sistema iżda kien hemm biss miżata li titħallas lill kumpanija li tagħmel possibbli li l-pagamenti issiru *online.* It-tibdil ser ikun li kull kunsill ser ikun qed iħallas skond kemm ikun ħareġ permess fis-sena preċedenti. Is-Segretarju infurmat lil membri li aħna naqaw fil-kategorija *Tier 1* li hi €2,000 fis-sena. Hi nfurmat ukoll li waqt laqgħat

mad-Direttur kien hemm informazzjoni li dawn l-ispejjez ser jiġu kkompensati iżda sa issa il-Kunsill m'għandu l-edba konferma bil-miktub li ser issir *reimbursement.*

25.7.13 Is-Segretarju infurmat lill membri li kif suppost jafu l-Kunsill kellu linja tal- *mobile,* hi kien ilha tiprova taqleb din is-*sim* fuq il-mobile tagħha biex ikun hemm numru fejn tkun tista tikkomunika ma residenti, etċ mingħajr ma tuża n-numru personali. Għal xi raġuni din is-*Sim* qatt ma ħadmitx u hi ppruvat twaqqaf din il-linja, iżda hi ma tistax tagħmel dan peress li l-linja mhux ir-reġistrata fuq il-Kunsill iżda fuq persuna li m'għadux fil-Kunsill. Hi infurmat li biex inwaqqfu din il-linja hemm miżata ta €100, jew inkella nistennew sakemm jiġi biex jiskadi l-kuntratt (f'Ġunju 2026). Ġie spjegat li kull xahar qed inħalsu fuq €27 kull xahar. Hi staqsiet lill membri jekk jagħtux l-approvazzjoni tagħhom biex tkun tista twaqqaf din il-linja. L-membri preżenti qablu li titwaqqaf il-linja u għalhekk hi ppreżentat lill membri formola li tirrikjedi il-firma tal-membri kollha tal-Kunsill biex tkun tista tipproċedi.

25.7.14 Is-Segretarju resqet rikjesta minn resident fi Triq Wied Siekel li qed jitlob li jsiru double yellow lines mal-garaxx tiegħu. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni u approvaw din it-talba.

25.7.15 Is-Segretarju infurmat lill Kunsill li l-LESA fetħet it-tieni u l-aħħar sejħa għal iskema "Proġetti fil-Komunitajiet – Programm 2024-2026". F'din l-iskema aħna eleġibli li napplikaw u għalhekk nistaw napplikaw għar-restawr tal-Għajn tal-Ħasselin li jikkwalifika taħt din l-iskema. L-proċess tal-BOQ għal dan il-għan diġà beda peress li kien hemm qbil li jsir fil-laqgħat preċedenti. Waqt id-diskussjoni fuq dan il-punt is-Sindku talab lis-Segretarju tibgħat id-*Drawings* u r-*Restoration Method Statment* li rċiveja xi ġranet ilu mingħand il-Perit Scerri. Il-membri preżenti qablu unanimament li napplikaw.

25.7.16 Is-Segretarju ippreżentat l-istimi tad-dwal tal-Milied li kien ġie deċiz mill-Kunsill li bħas-snin ta qabel jsiru mill-għaqda tal-Armar. Ġew ippreżentati zewġ stimi waħda għall-*Christmas tree* bid-dawl għal fuq iz-zuntier u l-oħra għal-armar tad-dawl mill-knisja sat-tomba. Il-membri qablu li niproċedu. Is-Segretarju ippreżentat ukoll it-tlett stimi miġbura għal-armar tad-dwal fi Triq John Gaspard Le Merchant. Il-Kunsill qablu li niproċedu mal-irħas stima proposta.

25.7.17 Is-Segretarju ippreżentat ukoll il-korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex "Milied Solidari 2025". Il-membri preżenti qablu li nimxu bil-lista tas-

sena l-oħra u naġġornawa filwaqt li nċemplulhom biex nikkonfermaw li ser inkunu qed niprovdu din l-ikla fil-ħin li jiġi stabbilit.

25.7.18 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 15/09/2025 | 15/09/2025 | Carmelo Galea | Talba sabiex isiru double yellow lines mal-garaxxijiet fi Triq il-Qalb Ta' Ġesu |
| 29/10/2025 | 29/10/2025 | Mark Schembri | Suġġeriment sabiex permessi ta' għeluq ta' toroq isiru aktar tard mal-ġurnata preferibilment wara nofsinhar. |
| 09/10/2025 | 09/10/2025 | MCVS | MCVS News Alert |
| 09/10/2025 | 09/10/2025 | Maria Saliba DLG | ESF+.03.246 – Lifelong Learning as a key to better governance at a regional and local level |
| 09/10/2025 | 09/10/2025 | Mario Fava | Ċirkulari AKL 2025/059_Join the European Climate Pact - Call for Ambassadors and Partners open |
| 09/10/2025 | 09/10/2025 | Justine Decelis | Ċirkulari AKL 2025/060_EkoSkola - Green Flag Award Ceremony: Celebrating Sustainable Milestones 07.11.2025 |
| 10/10/2025 | 10/10/2025 | Kevin Schembri | Stedina – Konferenza (19-21 ta' Novembru 2025, l-Imdina) |
| 10/10/2025 | 10/10/2025 | Laner Cassar | EDUCATIONAL COURSE ON PARKINSON'S DISEASE AND MOVEMENT CLASSES FOR PERSONS WITH PARKINSON'S AND CARERS |
| 10/10/2025 | 10/10/2025 | Ian Magro | Ċirkulari AKL 2025/061 CEMR LAB Project – Avveniment ta' Jumejn dwar id-Djalogu Soċjali. |
| 10/10/2025 | 10/10/2025 | Judy Cassar | EUI-URBACT correspondence regarding Stay Connected: URBACT & European Urban Initiative Updates and Opportunities. |
| 10/10/2025 | 10/10/2025 | Ian Magro | Ċirkulari AKL 2025/062 – Stedina għal Konferenza dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE f'Malta. |
| 13/10/2025 | 13/10/2025 | Maria Sammut | Vacancy notice SNE CNECT B-4. |
| 13/10/2025 | 13/10/2025 | Keith Dimech | Circular AKL 2025/063_Christmas Get Together Gala Night |
| 14/10/2025 | 14/10/2025 | Maria Sammut | Commemorating Breast Cancer Awareness Month (October). |
| 14/10/2025 | 14/10/2025 | Arthur Perici | New Horizons Malta Training Proposal - Lifelong Learning as a Key to Better Governance at a Regional and Local Level. |
| 16/10/2025 | 16/10/2025 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 16/10/2025 | 16/10/2025 | MCVS | MCVS News Alert |
| 17/10/2025 | 17/10/2025 | Robert Vella | Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2025. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20/10/2025 | 20/10/2025 | Koperattiva Produtturi taz-Zebbug | Conference - Development of Olive Tourism |
| 20/10/2025 | 20/10/2025 | Sara Feigo | EU project Step-WISE Capacity Building – Best Practices and lessons learnt in the application of the Step-Wise toolkit. |
| 20/10/2025 | 20/10/2025 | Justine Decelis | Ċirkulari AKL 2025/064 _Invitation: International Colloquium on the Right of Children to Participate (Malta, 19-21 Nov 2025). |
| 20/10/2025 | 20/10/2025 | Kercem Local Council | Stedina mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għall-attivita Vjaġġ Kożmiku – Minn Pjazza għal Pjazza. |
| 21/10/2025 | 21/10/2025 | St Lawrence Church Birgu | Stedina għar-Recital tal-Kor Enchiriadis fil-Knisja Kollegjata, Parrocca , ta' San Lawrenz, Vittoriosa, Birgu. |
| 21/10/2025 | 21/10/2025 | Ian Magro | Ċirkulari AKL 2025/065 Skema ta' Fondi – Inizjattivi ta' Mobilita' Attivita u Sostenibbli. |
| 21/10/2025 | 21/10/2025 | Events in Gozo | #inħobbok - San Valentinu 2026 - Stedina/Invitation |
| 23/10/2025 | 23/10/2025 | Marija Vassallo GRDA | Climate Funding 4 Cities - Idea Competition. |
| 24/10/2025 | 24/10/2025 | Justine Decelis | Circular AKL 2025/066_Enemalta – Street Lighting Retrofitting Project. |
| 27/10/2025 | 27/10/2025 | Priscilla Caruana | Information Session on Culture Stand. |
| 28/10/2025 | 28/10/2025 | Judy Cassar | Follow-up on Yesterday's City-to-City Exchanges Presentation and Registration Link for online information session on Peer Reviews and City-to-City Exchanges. |
| 29/10/2025 | 29/10/2025 | Malta Human Rights Education Centre | ABC of Human Rights: A Community Voice Project. |
| 30/10/2025 | 20/10/2025 | International Centre for Parliamentary Studies | International Centre for Parliamentary Studies courses. |
| 31/10/2025 | 31/10/2025 | Grace Barbara | 5th Edition of the Community Voices. |
| 03/11/2025 | 03/11/2025 | Ministry for Gozo and Planning | Konferenza Stampa - Miżuri Budget 2026 |
| 03/11/2025 | 03/11/2025 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |

## 25.8 Rapport Q3 – Jannar sa Settembru 2025;

25.8.1 Is-Segretarju ippreżentat u iċ-ċirkulat ir-rapport tal-Quarter 3 lill membri u wara li ġew moqrija dawn ġew ikonfermati u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

### 25.9 L-aħħar preparamenti Milied 2025;

25.9.1 Is-Sindku xtaq jaġġorna lil membri tal-Kunsill dwar l-attivita' tas-6 ta' Diċembru li hi parti mill-iskema SPI/SCI/04/2025. Hu spjega il-programm maħsub u xi *stalls* li jbigħu affarijiet diversi filwaqt li jkun hemm kor jkanta diski tal-Milied u jkollna l-wirja tal-presepji li qed issiru fil-kors li għaddej fil-prezent u ta dawk li jixtiequ jesebixxu xi presepji oħra. Ġie deċiż li d-dwal tal-Milied jinxtgħel fit-30 ta' Novembru u dawk taz-zuntier fis-6 ta' Diċembru. Il-membri qablu ukoll li ssir stedina lil Hon. Alison Zerafa Civelli.

25.9.2 Is-Sindku ippropona li nagħmlu ħarġa għal-anzjani tal-Milied u li din issir minflok id-*Day Centre.* Ġie diskuss il-punt u dati varji, ġie deċiż li ssir il-Ħamis 18 ta' Diċembru.

### 25.10 Festa San't Indrija 2025;

25.10.1 Is-Sindku informa lil membri li l-Kappillan ser jirriserva post fil-knisja għal-membri tal-Kunsill. Hu ippropona li din is-sena jkun sabiħ li nistiednu lill-Kunsill ta Ħal Luqa għal drink wara l-pontifikal. Ġie deċiż li tkun sabiħa li niltaqaw u nilqaw lill-membri tal-Kunsill b'mod uffiċjali u għalhekk is-Segretarju iċempel lis-Segretarju ta Hal Luqa u niproċedu minn hemm.

### 25.11 Jum il-Fontana;

25.11.1 Is-Sindku informa lill membri li għal din is-sena xtaq jagħmel programm differenti mis-sena l-oħra. Hu rrakomanda li nistiednu lil xi ħadd jitkellem fuq l-istorja ta Triq tal-Għajn. Il-membri innominaw zewġ persuni li jistaw jagħtu kontribut util f'dan ir-rigward u ġie ikkonfermat il-programm.

### 25.12 Erasmus +;

25.12.1 Is-Sindku ikkonferma li fil-prezent wara is-sejħa għal dawk interssati il-grupp hu ta 24 persuna. Sa issa bdejna kuntatt ma persuna mill-Kroazja u qed jipproponi proġett fuq it-tema ta *Renewable Energy.* Saret laqgħa miegħu fejn ġew diskussi l-għanijiet taz-zewġ naħat u jidher li nistaw niproċedu. Il-pass li jmiss hu li nikkonfermaw mal-SEM li għandna *strateġiċi partner* filwaqt li niprezentaw l-opportunita lil membri li wrew interess u niproċedu minn hemm. Il-pjan hu l-iskambju jsir fil-bidu ta'Ottubru 2026. Il-membri aċċettaw li nistaw niproċedu.

**25.13 Safra 2026;**

25.13.1 Is-Sindku ippropona li għas-sena d-dieħla norganizaw safra u nassiguraw li noħorġu l-programm u d-detalji kmieni biex nassiguraw li jkollna konkorrenza tajba. Ġie deċiz li issir bejn 3 u 8 ta' Settembru 2026. Ġie deċiz ukoll li naraw xi destinazzjonijiet u is-Segretarju tibda tiġbor xi dettalji u nitkellmu fil-laqgħat li jmiss.

**25.14 Aġġornament tal-proġetti;**

25.14.1 Is-Sindku informa lil membri li biex niproċedu bl-applikazzjoni tad-*Direct Order* kien meħtieġ niprezentaw l-istimi tal-kuntrattur u ta oħrajn għal istess biċċa xogħol dawn waslu u ġew ippreżentati lill membri. Is-Sindku ikkonferma li peress li issa d-dokumenti rikjesti ġew ippreżentati is-Segretarju tista tipproċedi bl-applikazzjoni.

25.14.2 Is-Sindku informa lill membri li d-dokumenti rikjesti biex jinbeda l-proċess tal- *OHSA* fir-rigward tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku ġew sottomessi u mgħoddija lill *Occupational Health and Safety Consultant* u issa nistennew konferma mill-*OHSA* biex inkunu nkomplu bil-bini.

**25.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7:46 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tlieta 09 ta' Diċembru fit-06:30 p.m.

Konfermati, llum, it-Tlieta, 09 ta' Diċembru, 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv